MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 145/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Rainer Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 t’Awissu, 2008, ghall-habta ta’ 20.45 hrs., f’Valletta Road, San Pawl il-Bahar, saq vettura numru S847 LNK ta’ ghamla “LandRover” minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 t’April, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena ta’ Euro 2329.37 multa, w bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, skwalifikat lill-appellant milli

jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Mejju , 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni, w, fin-nuqqas, tvarja w timmodifika s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu infliggiet il-piena ta’ elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37), tirrevokaha in kwantu skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, jikkonsisti filli f’ebda hin ma kien hemm intenzjoni cara ta’ l-appellant illi jikser il-ligi fis-sens li jsuq vettura li ma kienitx koperta minn polza ta’ assikurazzjoni.  Illi l-unika intenzjoni tieghu kienet wahda prattika fis-sens li biex ma joqghodx jinqala’ fl-istess gurnata li kellu l-vettura ghat-test, mar ghaliha fejn kienet garaxxjata biex tkun lesta hdejn il-bieb tad-dar.  Illi meta persuna ma tkunx koperta b’polza ta’ assikurazzjoni ghax tkun sejra tiehu l-vettura taghha ghat-test, ma tkunx passibbli ghal proceduri legali minhabba biss dan il-fatt, u dan kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni ta’ dan l-appell. Illi finalment il-Qorti ghandha tezercita d-diskrezzjoni lilha konferita mill-Artikolu 3 (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, li anke jekk jirrizulta li r-reat gie kommess, minhabba c-cirkostanzi specjali li ser jirrizultaw fil-kors ta’ dan l-appell, m’ghandhiex timponi l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Semghet ix-xhieda tal-appellant innifsu w ta’ Brian Farrugia addett mal-ADT u ta’ l-E.O. 16 George Schembri in difesa, w rat l-affidavit ta’ PC 904 Manuel Pisani (a fol. 3 tal-process).

Peress li mix-xhieda kemm tal-appellant innifsu kif ukoll taz-zewg xhieda in difesa jirrizulta illi l-appellant kien qed isuq il-vettura Land Rover Freelander S847 LNK minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni w fuq dan il-punt ma jidhirx li hemm aktar kontestazzjoni f'dan l-istadju tal-appell, ghax dan gie accettet kemm mill-appellant kif ukoll mid-difensur tieghu, jibqa' ghalhekk biss il-kwistjoni dwar il-piena.

L-appellant qieghed jinvoka d-disposizzjoni tal-artikolu 3 (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-perjodu tas-sospensjoni mill-licenzji tieghu tas-sewqan jigi mnaqqas u dana partikolarment minhabba li xogholu kien li jsuq vettura "delivery van".

Illi pero' kif gie ritenut diversi drabi l-fatt li l-trasgressur ikun xogholu konness mas-sewqan ta' vetturi, mhix raguni bizzejjed biex din il-Qorti tezercita' d-diskrezzjoni taghha f'dan is-sens kif mitlub, anzi gie ripetutament ritenut illi min xogholu huwa marbut mas-sewqan ta' vetturi, aktar u aktar irid joqghod attent li josserva strettament l-ligijiet li jirrigwardaw is-sewqan u partikolarment dik li tirrigwarda l-kopertura tal-assigurazzjoni tal-vettura li jkun qed isuq.

Ghalhekk ma jidhirx li hemm lok li l-perjodu tas-sospensjoni f'dan l-istadju jigi temperat.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Il-Qorti tawtorizza lill-appellant ihallas il-multa ta' € 2329.37 b'dan il-mod kif gej :-
€129.37 illum u b'rati ta' mhux inqas minn €100 kull xahar li jithallsu mhux aktar tard mit-18 il-jum ta' kull xahar. B'dana li jekk l-appellant jonqos li jhallas puntwalment xi skadenza wahda ta' €100 jew parti minnha, l-bilanc talvolta dovut isir ezigibbli minnufih u, jekk ma jithallasx, jigi awtomatikament konvertit f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi bir-rata ta' €11.165 ghal kull jum prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------